**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Frar 2021**

**<u>Rikors nru: 56/2020;</u>**

**AB , CB ,DE, FG, HB, IJ, KB, LB bhala armla ta' MB u NO , PB, ulied MB.**

**Vs**

**Dr. Martha Mifsud u PL Madeline Firman nominati kuraturi deputati ghal assenti QRST b' digriet datat 23 ta' Gunju 2020.**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors tar-rikorrenti, datat 6 ta' Marzu 2020, fejn esponew bir-rispett u ikkonfermaw;**

1. Illi r-rikorrenti huma hut u neputijiet ta' UB li gie nieqes nhar fit- 8 ta' Mejju 2019, u dan kif jirrizulta minn Dok. A;
2. Illi jirrizulta li UB kien zzewweg lil QRST, ta' nazzjonalita' Tunezina, nhar id- 9 ta' Lulju 1999 u dan kif jirrizulta minn Dok. B u C annessi;
3. Illi minn daz-zwieg ma kienx hemm ulied;
4. Illi fil-mori tal-kawza ser jigi ppruvat illi dan kien zwieg ta' konvenjenza li gie impost fuq id-defunt UB tant li effetivament hu l-konvenuta assenti qatt ma kkoabitaw flimkien u dana kif ser jirrizulat propju mill-affidavit rilaxxat mill-istess defunt datat 10 ta' Gunju 2005 - Dok. D- kif ukoll mil-annessa ittra legali li hu baghat lill-Kumissarju tal-Pulizija– Dok E, fit- 23 ta' Awwissu 2007;
5. Illi ser jirrizulta ukoll li fil- 21 ta' Ottubru 2004, id-defunt kien anka ta stqarijja lil Pulizija– Dok F- dwar kif gie imlaqqa' ma' martu mgieghel jizzewigha peress li l-passport taghha kien ser jiskadi u biex tiffranka l-flus – ser jirrizulta li huwa anka kien mwieghed somma flus talli kien ser jizzewwigha;
6. Illi fil-fatt il-konvenuta zzewwget lil UB, biss ftit xhur wara li kienet ghadha kemm ddivorzjat mill-ewwel ragel tagha, go Tunis, u dana kif jirrizulta mid-dokument anness, mmarkat Dok. G;
7. Illi ghalhekk fil-mori tal-kawza ser jigi ppruvat illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mil-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;
8. Illi ser jigi ppruvat illi l-konvenuta izzewwget lid-defunt ghal ragunijiet ta' konvenjenza sabiex tkun tista' tibqa' Malta, tant li ftit jiem mid-data taz-zwieg l-ewwel haga li hadet hsieb taghmel kien li taghmel l-accertamenti taghha mad-dipartiment tac-cittadinanza, tant kont li issa kienet zzewwget ( Dok H anness);

9. Illli ghalhekk iz-zwieg iccelebrat bejn il-partijiet huwa null ghal effetti kollha tal-ligi;
10. Illi l-ahhar informazzjoni li ghandhom il-partijiet, dwar il-konvenuta hi li din abbandunat il-Gzejjer Maltin u ghaldaqstant huma kellhom jipprosegwu kontra kuraturi deputati;

**Ghaldaqstant, in vista tar-ragunijiet premsssi ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dina Onorabbli Qorti joghgobha;**

**1.**Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ccelebrat bejn UB u QRST, nhar id-9 ta' Lulju 1999 huwa null u bla effett fil-Ligi ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255tal-Ligijiet ta' Malta;

2.Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirregistraw l-istess sentenza fir-registru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata ingunta minn issa in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Dr. Martha Mifsud datata 22 ta' Settembru 2020 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat;

1. Illi hija giet mahtura bhala kuraturici;
2. Illi ma hiex edotta mill-fatti;
3. Illi qed tirriserva d-dritt taghha li tressaq xi provi u nota ta' eccezzjonijiet jekk tigi edotta mill-fatti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi prodotti.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Id-decujus UB kien izzewweg lill-konvenuta QRST , persuna ta' nazzjonalita' barranija, fid-9 ta' Lulju, 1999, permezz ta' zwieg civili fir-Registru taz-Zwieg, Valletta. Minn dan iz-zwieg ma kienx hemm tfal. B gie nieqes fit-8 ta' Mejju, 2019, u l-werrieta tieghu ghazlu li jressqu din il-kawza sabiex iz-zwieg jigi dikjarat null. L-atturi jsostnu li dan kien biss zwieg ta' konvenjenza, biex il-konvenuta tibqa' tirrisjedi Malta. Fil-frattemp il-konvenuta telqet minn Malta u ghalhekk kellha tinbeda l-kawza kontra kuraturi deputati.

Mill-provi prodotti jidher li kien hemm zwieg celebrat bejn il-partijiet, kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti. Minn dan iz-zwieg ma tnisslux tfal. Dak iz-zmien, B kien jahdem fil-kcina tad-Depot tal-Pulizija, flimkien ma' certu Surgent V. F'Awwissu tal-istess sena, sar rapport anonimu lill-Kummissarju tal-Pulizija li B kien izzewweg lil persuna ta' nazzjonalita' Tunezina, bl-ghinuna tas-Surgent V.  Dan iz-zwieg kien wiehed ta' konvenjenza biex il-konvenuta tkun tista' tibqa' Malta, u gie allegat f'dan ir-rapport anonimu li B thallas xi flus.

F'Awwissu 2000, B baghat ittra permezz tal-Avukat Dr. Jason Azzopardi lid-dipartiment tal-Immigrazzjoni biex jittiehdu passi kontra l-konvenuta minhabba fi "zwieg ta' konvenjenza".

Fi Frar 2002, intbaghtet ittra lill-Ufficjal Principali ghall-Immigrazzjoni mid-Direttur tad-Dipartiment ta' "Citizenship and Expatriates" fejn saret referenza ghal laqgha tat-12 ta' Dicembru 2001 (l-ittra ssemmi d-data 2002, li aktarx hija zbaljata), fejn fl-istess laqgha dehru B u martu flimkien, jistaqsu dwar l-istatus ta' wahda mit-tfal taghha li kellha minn zwieg precedenti, biex jaraw kienx possibbli li din tigi tghix Malta. F'Marzu 2004, is-Suprintendent WX jikteb lid-

Direttur tas-"Citizenship and Expatriates" li minn indagni li saret, irrizulta li B u martu ma kienux qed jghixu flimkien.

Fil-21 ta' Ottubru 2004 B kien irrilaxxa stqarrija mal-Ispettur YZ u mal-Ispettur 12, dwar dan iz-zwieg, u jekk is-Surgent V kienx involute b'xi mod. Ma giex indikat lil din il-Qorti x'kien ir-risultat ta' dik l-investigazzjoni.

Minn dawn il-provi diga' jidher car li kemm B kif ukoll il-konvenuta it-tnejn dahlu ghaz-zwieg ghal skopijiet ulterjuri, u ghalhekk l-elementi bazici taz-zwieg kienu nieqsa ghal kollox minn mohhhom. Il-Qorti mhix sejra tidhol fil-mertu tar-rapport anonimu li kien sar, u l-eventwali investigazzjoni kriminali, izda jidher car li l-elementi essenzjali ghaz-zwieg ma kienux prezenti, la f' UB u l-anqas f' martu.

Mill-atturi xehdu FG, HB, u IJ, permezz ta' affidavits datati 20 ta' Ottubru, 2020. Fil-qosor, ix-xhieda qalu li B kien persuna kwieta, kwazi semplici, izomm ghalih innifsu, u ma jfittex il-kumpanija ta' hadd. Ghalkemm ix-xhieda huma hut id-decujus, kollha qalu li ma kienux vicin tieghu bhala relazzjoni. Mid-disat ahwa li kienu, hu biss baqa' ma zzewwigx, u kien jghix mal-genituri fid-dar taghhom, u saru jafu li kien izzewweg lil wahda barranija wara d-data taz-zwieg tieghu. Il-Qorti ghalhekk tista' tifhem li B jew kien jaf li ser jidhol fi zwieg hekk imsejjah ta' konvenjenza, jew gie mgieghel jaghmel hekk ghax saret pressjoni fuqu u ma kienx kapaci jaqbez ghalih innifsu. Kienet x'kienet ir-raguni vera, u kienu x'kienu l-fatti proprja tal-kaz, huwa zgur li l-elementi bazici ghaz-zwieg kienu nieqsa ghal kollox. Jirrizulta ampjament ippruvat ghall-Qorti li r-rekwiziti elenkati fl-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta gew soddisfatti. Huwa ghalhekk li l-Qorti hi tal-fehma li t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici u ghaldaqstant:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ccelebrat bejn UB u QRST nhar id-9 ta' Lulju 1999 huwa null u bla effett fil-Ligi ai termini tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jirregistraw l-istess sentenza fir-registru Pubbliku ta' Malta.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

**Anthony J Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**